TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 191/12-F

**Stefan Mifsud**
**vs**
**Phoenix Domestic Appliances**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Awwissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disa' mitt ewro (€900), rappreżentanti prezz ta' *tumble dryer* li baqgħet bil-problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub u kkonferma bil-ġurament, illi huwa kien xtara *tumble dryer* u wara ftit bdiet bil-problemi tant li minkejja li mar it-*technician* tas-soċjeta' ntimata, din baqgħet ma tistax tissewwa.

L-intimata ssottomettiet illi bagħtet lit-*technicians* li sewwew diversi ħsarat u li għandha dritt tkompli ssewwi. Minkejja li t-Tribunal jagħmel referenza għall-aħħar seduta datata 5 ta' Frar 2013, fejn l-intimata kellha tattendi għas-seduta, pero' bagħtet email illi kienet ser tkun imsiefra u ma bagħtitx kopja tal-biljett tal-ajru kif kien ordnat lilha, u li minkejja li bagħtet email tispjega wara x'ġara u x'ma ġarax, it-Tribunal ser jgħaddi għas-sentenza.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, huwa konvint illi din il-magna kellha diversi ħsarat u mhuwiex konvint li għandha jinbidlilha kollox u li tista' tissewwa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), sabiex tkopri l-problemi li hemm biex tissewwa din il-magna, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888